

32005R0611

L 101/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.4.2005

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 611/2005****tal-20 ta' April 2005****li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2000 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċizzjonijiet u prattiċi miftiehma bejn il-kumpanniji tat-tbaħħir tal-linja (konsorzja)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 479/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċizzjonijiet u prattiċi miftiehma bejn il-kumpanniji tat-tbaħħir tal-linja (consortia),<sup>1</sup>Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament<sup>2</sup>,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti,

billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 823/2000<sup>3</sup> jagħti eżenzjoni ġenerali lill-konsorzji tat-trasport bil-baħar mill-projbizzjoni illi tinstab fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat, liema eżenzjoni hija soġġetta għal ċerti kondizzjonijiet.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2000 se jiskadi fil-25 ta' April 2005. Fuq il-bażi tal-esperjenza tal-Kummissjoni meta tiġi biex tapplika l-eżenzjoni ta' kategorija, jidher li l-ġustifikazzjonijiet għal eżenzjoni ta' kategorija għall-konsorzji

<sup>1</sup> ĠU L 55, 29.2.1992, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

<sup>2</sup> ĠU C 319, 23.12.2004, p.2.

<sup>3</sup> ĠU L 100, 20.4.2000, p. 24. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 463/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 23).

- għadhom validi. L-applikabilità tar-Regolament (KE) 823/2000 tista' għalhekk tiġi estiża b'ħames snin oħra.
- (3) L-eżenzjoni ta' kategorija mogħtija mir-Regolament (KE) Nru 823/2000 tkopri konsorzji li joperaw kemm fi ħdan kif ukoll 'il barra mill-kumpanniji tat-tbaħħir tal-linja. Għalhekk l-eżenzjoni ta' kategorija mogħtija mir-Regolament (KE) Nru 823/2000 hija marbuta mill-qrib mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu<sup>4</sup>, li jagħti eżenzjoni ta' kategorija lill-kumpanniji tat-tbaħħir tal-linja. Il-Kummissjoni dan l-aħħar niedet reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86.
  - (4) Sabiex ma jitpoġġix fil-periklu l-proċess ta' reviżjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 li għadu għaddej, l-introduzzjoni ta' modifikazzjonijiet sostanzjali fir-Regolament qabel it-tmiem ta' dik ir-reviżjoni la hija meħtieġa u lanqas inhi xierqa.
  - (5) Madanakollu, f'ċerti aspetti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 823/2000 mhumiex aġġornati biżżejjed mal-prattiki attwali li jintużaw fl-industrija. Għalhekk huwa xieraq li għandhom jiġu introdotti xi emendi żgħar sabiex ir-Regolament (KE) Nru 823/2000 isir aktar adattat għall-iskop tiegħu.
  - (6) B'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2000 jipprevedi li l-ftehimiet ta' konsorzju jridu jagħtu lill-kumpanniji membri d-dritt li jirtiraw mill-konsorzju mingħajr ebda penali finanzjarja jew penali oħra suġġett għal ċerti kundizzjonijiet li jikkonċernaw il-perjodu tal-avviż li għandu jingħata. Mill-prattika jirriżulta li mhumiex ċar kif din id-dispożizzjoni għandha tkun interpretata fl-eventwalità li d-data li fiha l-ftehim ta' konsorzju jidħol fis-seħħ tkun aktar qabel id-data li fiha s-servizz tabilħaqq jibda, pereżempju, meta l-bastimenti ma jkunux disponibbli, jew għadhom qegħdin jinbnew. Għalhekk għandha ssir dispożizzjoni speċifika għal sitwazzjoni bħal din.
  - (7) Huwa ġustifikabbli għall-konsorzji li jfittxu sigurtà għal investimenti ġodda kommessi għal servizz eżistenti. Għalhekk, il-possibilità li nġhatat lill-partijiet li jkunu daħlu fi ftehim ta' konsorzju biex jiftiehm fuq klawżola kontra l-irtirar, għandha tapplika wkoll fejn il-partijiet fi ftehim ta' konsorzju eżistenti jkunu ftehm bejniethom li jagħmlu investimenti sostanzjali ġodda u li l-ispejjeż marbutin ma' dawn l-investimenti jiġġustifikaw il-bżonn ta' klawżola ġdida "kontra l-irtirar".
  - (8) Ir-Regolament (KE) Nru 823/2000 jipprevedi li l-eżenzjoni hija biss applikabbli suġġetta għalċerti kundizzjonijiet, li jinkludu l-eżistenza ta' kompetizzjoni effettiva fil-prezzijiet bejn il-membri tal-konferenza li fiha jaħdem il-konsorzju minħabba l-fatt li l-membri huma awtorizzati espliċitament mill-ftehim tal-konferenza biex japplikaw rata ta' ħlas indipendenti għal kwalunkwe rata ta' ħlas ta' ġarr prevista fit-tariffa tal-konferenza. L-attenzjoni tal-Kummissjoni nġibdet għall-fatt li r-rata ta' ħlas indipendenti ma tistax tibqa' titqies aktar bħala Prattika ġenerali komuni fis-suq. Minflok il-kuntratti kunfidenzjali individwali huma issa aktar importanti fil-qasam ta' diversi negozji. Kuntratti kunfidenzjali bħal dawn jistgħu wkoll iwasslu għal

---

<sup>4</sup> ĠU L 378, 31.12.1986, p. 24, Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1/2003.

kompetizzjoni aktar effettiva bejn il-membri tal-konferenza tal-liner. Għalhekk, l-eżistenza ta' kuntratti individwali għandha tkun ikkunsidrata wkoll bħala indikatur tal-kompetizzjoni effettiva fil-prezzijiet bejn il-membri tal-konferenza.

(9) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 823/2000 għandu jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. Ir-Regolament (KE) Nru 823/2000 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2, għandhom jiżdiedu l-punti 6 u 7 li ġejjin:

‘6. bidu tas-servizz" ifisser id-data li fiha l-ewwel bastiment isalpa biex irendi servizz jew, fil-każ li jkun hemm investiment ġdid sostanzjali, id-data li fiha l-ewwel bastiment isalpa taħt il-kundizzjonijiet li jirriżultaw direttament minn dak l-investiment sostanzjali ġdid;

‘7. investiment ġdid sostanzjali jfisser investiment li jwassal għall-bini, ix-xiri jew il-kiri fit-tul (charter) ta' bastimenti, li jsiru speċifikament, huma meħtieġa u sostanzjali għall-funzjonament tas-servizz u li jiffurmaw minn tal-inqas nofs it-total tal-investiment li sar mill-membri tal-konsorzju meta mqabbel mas-servizz tat-trasport marittimu offrut mill-konsorzju.;

2. Fl-Artikolu 5, il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

(a) teżisti kompetizzjoni effettiva fil-prezzijiet bejn il-membri tal-konferenza li fiha jopera l-konsorzju, minħabba l-fatt li l-membri huma espliċitament awtorizzati mill-ftehim tal-konferenza, sew jekk bis-saħħa ta' obbligu statutorju jew b' mod ieħor, biex japplikaw rata ta' ħlas indipendenti għal kwalunkwe ġarr ta' merkanzija li hemm provdut għaliha fit-tariffa tal-konferenza u/jew biex jidħlu fi ftehimiet kunfidenzjali individwali; jew

3. Il-punt (b) tal-Artikolu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

(b) il-ftehim tal-konsorzju għandu jagħti lill-kumpaniji membri d-dritt li jirtiraw mill-konsorzju mingħajr ebda penali finanzjarja jew penali oħra bħalma hu, b'mod partikolari, l-obbligu li jwaqqfu l-attivitajiet kollha tagħhom tat-trasport fin-negozju jew in-negozji kkonċernati, sew jekk marbuta mal-kondizzjoni li dik l-attivitja tista' titkompla biss wara li jkun għadda perjodu stipulat u sew jekk le. Dan id-dritt għandu jkun soġġett għal perjodu massimu ta' avvizz ta' sitt xhur li jista' jingħata wara perjodu inizjali ta' 18-il xahar li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' konsorzju jew tal-ftehim biex isir investiment sostanzjali ġdid fis-servizz marittimu konġunt. Jekk id-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim hija aktar kmieni mid-data li fiha jinbeda s-servizz, il-perjodu inizjali m'għandux ikun itwal minn 24 xhar mid-data li fiha l-ftehim ta' konsorzju jidholl fis-seħħ jew mid-data li fiha l-ftehim sabiex isir investiment sostanzjali ġdid fis-servizz marittimu konġunt jidholl fis-seħħ.

Madanakollu, fil-każ ta' konsorzju integrat ħafna, li għandu dħul komuni nett u/jew livell għoli ta' investiment minħabba x-xiri jew kiri mill-membri tiegħu ta' bastimenti speċifikament għall-għan li jitwaqqaf il-konsorzju, il-perjodu massimu ta' avviż għandu jkun ta' sitt xhur, li jistgħu jingħataw wara perjodu inizjali ta' 30 xhar li jibdew mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' konsorzju jew tal-ftehim li jsir investiment sostanzjali ġdid fis-servizz marittimu konġunt. Jekk id-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim hija aktar kmieni mid-data li fiha jibda s-servizz, il-perjodu inizjali m'għandux ikun itwal minn 36 xhar mid-data tad-dħul tal-ftehim ta' konsorzju jew id-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim sabiex isir investiment sostanzjali ġdid fis-servizz marittimu konġunt.

4. Fl-Artikolu 14, id-data 25 ta' April 2005" għandha tiġi ssostitwita bil-25 ta' April 2010.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-26 ta' April 2005.

Għandu japplika sal-25 April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' April 2005.

*Għall-Kummissjoni*  
*Neelie KROES*  
*Membru tal-Kummissjoni*